# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju 2016**

**Numru 9**

**Rikors kostituzzjonali numru 74/2014 JPG**

**Malcolm Said**

***v.***

**Avukat Ġenerali;**
**Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija fl-14 ta' Jannar 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li laqgħet talba tal-attur għal rimedju talli nkiser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli mħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondament-ali ["il-Konvenzjoni"] meta tteħditlu stqarrija bla ma qabel tħalla jkollu l-

għajnuna ta' avukat u minħabba dewmien biex inbdew proċeduri kriminali kontra tiegħu.

2. L-ewwel qorti fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha:

> »Illi l-qorti tibda billi tirrileva illi a kuntrarju ta' dak sottomess mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fis-sens illi jeżisti dritt għal smigħ xieraq izda mhux għal assistenza legali, id-dritt għall-assistenza legali huwa wieħed mill-garanziji minimi ta' smigħ xieraq, u d-dritt għal tali assistenza joħroġ b'mod ċar u esplicitu mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan id-dritt għall-assistenza legali fi proċeduri kriminali huwa rikonoxxut u protett fil-maġġor parti tal-pajjiżi fil-komunità internazzjonali u huwa sanċit f'kull strument internazzjonali ta' drittijiet umani, … … …, fejn id-dritt tal-assistenza legali huwa meqjus bħala element essenzjali tad-dritt ta' smigħ xieraq. … … … Għalhekk huwa insostenibbli l-argument tal-Avukat Ġenerali illi ma jeżistix dritt għal assistenza legali, tant illi l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni jgħid b'mod espress illi:-
>
> > »"Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:
> >
> > "to defend himself in person or througħ legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require."
>
> Permezz ta' żviluppi fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani rigward id-dritt għall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni ta' suspettat, ġie rikonoxxut illi individwu għandu dritt illi jikkonsulta ma' avukat qabel ma jiġi interrogat mill-pulizija. … … …
>
> »Din il-qorti hija konxja tal-fatt illi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani tgħid illi f'dawn it-tip ta' każijiet m'hemmx bżonn li jsir eżami tal-proċeduri fl-intier tagħhom jekk jirriżulta li kien hemm restrizzjoni sistematika għad-dritt tal-assistenza legali, … … … Però il-posizzjoni li dejjem ħadu l-qrati nostrana kienet illi sabiex persuna tirnexxi f'din it-tip ta' azzjoni trid tipprova illi kienet taht l-età, jew għal xi raġuni oħra kienet persuna vulnerabbli, jew li ġiet b'xi mod mhedda jew imġiegħla tagħti l-istqarrija u li l-ġudikant kellu jeżamina l-proċeduri f'intirità tagħhom. Ir-rikorrenti naqas milli jipproduci provi ta' xi vulnerabilità u pproduċa biss kopja tal-istqarrija u l-inkartament tal-proċeduri kriminali.
>
> »Imkien fix-xiehda kontenuta fl-atti tal-proċeduri kriminali annessi ma jirriżulta li r-rikorrent kien persuna vulnerabbli, jew li kien taħt l-età. Lanqas ma jirriżulta illi r-rikorrent għamel xi lment dwar il-volontarjetà *o meno* tal-isqarrijiet tiegħu jew li tefa' xi dell li dawn ittieħdu permezz ta' theddid, pressjoni mhux f'lokha jew wegħdi ta' vantaġġi. Lanqas ma għamel xi lment fis-sens li ma ġiex mogħti t-twissija li għandu d-dritt ma jweġibx għal domandi li jistgħu jinkrimnawh, u li dak li se jgħid jista' jinġieb bħala prova kontra tiegħu.«

3. L-ewwel qorti hawn iċċitat il-każ ta' Mario Borg *v.* Malta[1] u kompliet hekk:

> »Applikat dan l-insenjament għall-każ in ezami, u fin-nuqqas ta' provi dwar xi raġunijiet impellanti għar-restrizzjoni ta' dritt t'assistenza t'avukat, din il-qorti tqis illi r-rikorrenti soffra leżjoni tad-dritt tiegħu għas-smigħ xieraq *in vista* tal-fatt li ma kienx assistit minn avukat qabel ma rrelaxxa l-istqarrija tiegħu. Il-qorti tqis ukoll li għandha tapplika l-istess ammont ta' danni li akkordat fil-*lodo* [*sic*] tagħha l-Qorti Ewropea fil-każ fuq citat u *cioè* elfejn u ħames mitt Euro (€2,500).
>
> »… … …

4. Dwar jekk kienx hemm dewmien hekk li l-proċess ma jitqiesx li sar fi żmien raġonevoli l-ewwel qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> »Ir-rikorrent qiegħed jilmenta illi ġie miksur il-jedd tiegħu għal [*sc.* deċiżjoni fi] żmien raġonevoli peress illi huwa ġie interrogat mill-pulizija fit-3 ta' Awwissu 2008, u fl-2014, *cioè* meta gew intavolati dawn il-proċeduri, huwa kien għadu għaddej minn proċeduri kriminali peress illi huwa kien finalment tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Settembru 2013. L-intimati min-naħa tagħhom jikkontendu illi dan l-ilment huwa monk, jekk mhux fieragħ u vessatorju, għaliex meta persuna tiġi interrogata mill-pulizija jkunu għadhom ma bdewx il-proċeduri ġudizzjarji u għalhekk l-ilment tad-dewmien mhux applikabbli f'dawn iċ-ċirkostanzi.
>
> »Illi l-ewwel punt kruċjali li għandha tiddetermina din il-qorti għalhekk huwa għar-rigward t'idenfikazzjoni tal-perjodu relevanti li għandu jittieħed in konsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.
>
> »Fl-ambitu ta' proċeduri kriminali, l-artikolu 6 jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli '*in the determination of a charge*'. Peress illi l-artikolu 6 jippresupponi l-eżistenza ta' '*charge'* jew 'akkuża', il-perjodu li għandu jittieħed in konsiderazzjoni jibda dik il-ġurnata minn meta persuna tiġi '*charged'* jew 'akkużata.'
>
> »Però, it-terminu '*charge'* jew 'akkuża' jiġi interpretat b'mod awtonomu, u *cioè* mhux neċessarjament skond kif inhu interpretat mill-liġi penali, iżda l-interpretazzjoni ta' '*charge'* jew 'akkuża' trid issir fil-kuntest u għall-iskop tal-Konvenzjoni. Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani irrilevat illi:
>
>> »"the prominent place held in a democratic society by the right to a fair trial prompts the Court to prefer a substantive rather than a formal conception of the charge contemplated by article 6 para 1."[2]

[1] Q.E.D.B. 12 ta' Jannar 2016, rik. 37537/13.

[2] »Deewer *v.* Belgium, ECHR 6903/75 deċiża fis-27 ta' Frar 1990, par. 44 … … …«

Fis-sentenza Deewer *v.* Belgium, il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani għalhekk irriteniet illi d-definizzjoni tal-kelma '*charge'* għal fini tal-artikolu 6 hija "*an official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence*". F'din is-sentenza l-qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-Kommissjoni applikat test simili f'diversi deċiżjonijiet u opinjonijiet u *cioè* "*whether the situation of the [suspect] has been substantially affected*".

»Fil-ġurisprudenza sussegwenti tagħha, l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Umani wessgħat din id-definizjoni billi neħħiet ir-rekwiżit tan-notifika uffiċjali rigward l-allegazzjoni ta' kommissjoni ta' reat. Fis-sentenza Foti and others *v.* Italy, il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Umani kienet tal-fehma illi '*charge'* jew 'akkuża' "*may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect*".

»A bażi ta' dan ikkonkludiet illi l-perjodu li għandu jittieħed in konsiderazzjoni f'kawżi bħal dawn jista' jiġi meqjus illi jkun beda meta:

»• ssir tfittxija fid-dar tar-rikorrent;

»• meta r-rikorrent jiġi magħrraf mill-pulizija bl-akkużi kontra tiegħu;

»• meta jiġi arrestat;

»• meta bdiet l-investigazzjoni preliminari;

»• meta l-pulizija tissottometti rikjesta biex tiġi mneħħija l-immunità tar-rikorrent; jew

»• meta l-awtoritajiet tat-taxxa jabbozzaw *audit report* li jkun jinkludi obbligazzjoni biex jitħallsu *tax surcharges*.

»Il-posizzjoni kostanti tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Umani għal għexieren ta' snin f'dan ir-rigward hija illi:

> »"[w]hilst "charge", for the purposes of Article 6 § 1 (art. 6-1), may in general be defined as "the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence", it may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect (see, *inter alia*, the Eckle judgment of 15 July 1982, Series A no. 51, p. 33, § 73)."[3]

»Huwa għal kollox insostenibbli ukoll l-argument tal-intimati illi l-pulizija għandha diskrezzjoni assoluta biex tiddeċiedi meta tressaq persuna quddiem il-qorti. … … … Id-diskrezzjoni tal-pulizija ma tista' qatt tkun assoluta, għaliex din id-diskrezzjoni tista' tkun eżerċitata biss fil-limiti tal-liġi u tar-raġonevolezza … … …

»Għalhekk huwa ċar illi l-intimati m'għandhomx raġun meta jargumentaw illi l-ilment ta' dewmien taħt l-artikolu 6 m'huwiex applikabbli fil-każ li għandha quddiemha l-qorti għaliex d-dewmien ilmentat jirrigwarda l-perjodu ta' investigazzjoni. Jidher ċar mill-ġurisprudenza hawn fuq ċitata illi l-ilment tar-rikorrent jaqa' sew fil-parametri tal-garanzija għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

3 »Foti and others *v.* Italy, ECHR 7604/76 deċiża fl-10 ta' Diċembru 1982, par. 52.«

»Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin, li tirrifletti dik tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex jiġi stabbilit il-qies tad-dewmien fil-proċeduri, il-qorti trid tiehu qies ta' tliet konsiderazzjonijiet, u *cioè*:

»1. il-komplessità tal-każ;

»2. l-imġieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment; u

»3. is-sehem tal-awtorijiet konċernati fid-dewmien.

»Dan għaliex "il-fattur taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt imma fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ [ara applik. nru 1103/6 kontra l-Belgju]"[4].

»Għalkemm ma teżisti l-ebda lista komprensiva li tista' twassal lil qorti sabiex tiddetermina illi rikorrent ikun sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba dewmien irraġonevoli, jinsab assodat kemm fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, kif ukoll dik Ewropeja, illi l-komplessità tal-każ li kien qed jiġi deċiż, kif ġab ruħu r-rikorrenti fil-kors tal-proċeduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess proċess u x'kellu x'jitlef bħala konsegwenza tal-istess proċeduri, *oltre*, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-każ jiġi deċiż b'mod finali huma fatturi kruċjali illi għandhom jiġu kkonsidrati mill-qorti.

»Fir-rigward tat-tifsira tal-kunċett "żmien raġonevoli", il-qrati tagħna wkoll esprimew ruħhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta' diskrezzjonalità li jħalli f'idejn il-ġudikant jiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ iż-żmien perkors sakemm il-kawża waslet għal ġudizzju kienx ta' tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjetà demokratika. Dan ifisser illi kull każ għandu jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċjali tiegħu.

»Fil-każ *de quo*, ir-rikorrent kien ġie interrogat mill-Pulizija in konnessjoni ma' xiri ta' droga kokaina fit-3 ta' Awissu 2008. Il-Maġistrat Inkwirenti kienet ġiet informata dwar din l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrent fit-2 ta' Settembru 2008, u kienet ittieħdet stqarrija ġuramentata mir-rikorrent dakinhar stess. Fil-5 ta' Settembru 2008, il-Kummissarju tal-Pulizija talab lill-Maġistrat Inkwirenti sabiex tagħlaq l-inkjesta *stante* li kien ser jitressaq persuna l-qorti in konnessjoni mar-reat investigat. Għalhekk il-*procès-verbal* ġie redatt mill-Maġistrat Inkwirenti fit-12 ta' Settembru 2008 b'ordni li jintbagħat l-inkartament kollu lill-Avukat Ġenerali. Sakemm ir-rikorrent tressaq il-qorti akkużat waħdu b'pussess ta' kokaina mbagħad laħqu għaddew ħames snin sħaħ.

»Il-qorti tqis illi d-dewmien ta' ħames snin sakemm ir-rikorrent tressaq quddiem il-qorti akkużat waħdu b'pussess ta' kokaina huwa esaġerat. Minn dak li hemm fl-atti, ma jidhirx illi l-każ tar-rikorrent kien tant kompless illi l-awtoritajiet responsabbli kellhom bżonn ħames snin sħaħ jaħsbuha qabel ma jressqu lir-rikorrent quddiem il-qorti sabiex tiġi maqtugħa darba għal dejjem l-akkuża kontra tiegħu. Il-qorti tqis li perjodu ta' ħames huma żmien twil wisq għal persuna biex titħalla tinwkieta fuq meta u taħt liema akkużi ser titressaq quddiem il-qorti. Illi jrid jiġi preċiżat li l-ħames snin jinkludu biss iż-żmien illi r-rikorrent dam

[4] »Anthony Camilleri *et v.* L-Avukat Ġenerali *et*, Qorti Kostituzzjonali deċiża fit-28 ta' Settembru 2012.«

sakemm sempliċement tressaq quddiem il-qorti. Fil-fatt, sakemm ir-rikorrent intavola dawn il-proċeduri kienet diġà għaddiet iktar minn sena minn meta bdiet il-kawża kriminali kontra tiegħu, u din il-kawża kienet għada ma ġietx deċiża. Il-qorti qieset ukoll li dawn il-fatturi jridu jiġu konsidrati fid-dawl t'akkużat wieħed, b'akkuża waħda ta' pussess ta' droga, … … …

»Għalkemm l-intimati jargumentaw illi d-dewmien kien għal raġuni valida, u *cioè* għaliex il-Pulizija kienu għadhom qed jinvestigaw il-każ, huma naqsu milli jġibu mqar prova waħda li tikkorrobora l-argument tiegħu. Fil-fatt l-intimati għażlu li ma jressqu l-ebda provi f'dawn il-proċeduri. Il-qorti ma tistax tiddeċiedi illi kien hemm raġuni valida għad-dewmien ilmentat mir-rikorrenti, meta l-intimati naqsu milli jipproduċu provi illi b'xi mod jikkoroboraw l-argumenti tagħhom, għaliex *quod non est in actis, non est in mundo.*

»Ikkunsidrat dan kollu, u fid-dawl tan-nuqqas tal-intimati illi jipproduċu provi sabiex jiġġustifika d-dewmien fil-proċeduri penali kontra r-rikorrent, il-qorti ssib illi r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

»Għal dak li jirrigwarda kumpens, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi "[m]adankollu din il-qorti hi tal-fehma li f'każijiet bħal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma tagħti kumpens bħala danni morali biex jagħmel tajjeb għal-leżjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili"[5].

»Il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani tat indikazzjonijiet speċifiċi f'dak li għandu x'jaqsam ma' likwidazzjoni ekwa tad-danni sofferti kaġun ta' dewmien esaġerat fi proċeduri ġudizzjarji. Ġiet stabilita s-somma ta' bejn elf Euro u elf u ħames mitt Euro għal kull sena li damu għaddejin il-proċeduri, minn meta ġew intavolati sal-ġurnata li ġew riżolti b'sentenza finali, bħala l-figura bażi għall-kalkolu relevanti[6].

»Il-figura bażika mbagħad tiġi ridotta skont in-numru ta' qrati li trattaw il-kawża, il-kondotta tar-rikorrenti – in partikolari n-numru ta' xhur jew snin ta' differimenti li għalihom ir-rikorrenti huma responsabbli – u wkoll skont il-livell ta' għejxien tal-pajjiż konċernat.

»Applikati dawn il-prinċipji, is-somma bażika li għaliha huwa intitolat ir-rikorrent bħala kumpens għal-leżjoni sofferta minnu hija ta' sitt elef Euro (€6,000), somma li tkopri l-perjodu bejn Awissu 2008 u Ottubru 2014, u *cioè* meta ġiet intavolata din il-kawża, peress illi ma tressqet l-ebda prova rigward meta, jew jekk ġewx deċiżi l-proċeduri kontra r-rikorrenti fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Dan l-ammont għandu però jitnaqqas biex jirrifletti l-livell t'għejxien tal-pajjiż. Fl-isfond ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-qorti tagħraf li l-kumpens xieraq għandu jkun ta' elf Euro (€1,000).

»Għal dawn il-motivi, il-qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti billi:

»1. tiddikjara illi minħabba ċ-ċaħda tal-assistenza legali waqt l-arrest u dewmien ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrenti għal

5 »Said *v.* L-Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali deċiża fil-11 ta' Novembru 2011.«

6 »Pizzatti *v.* Italy, ECHR 62361/00 deċiża fl-10 ta' Novembru 2004.«

smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

»2. tilqa t-tieni talba tar-rikorrenti billi:

»(a) tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu s-somma ta' tliet elef u ħames mitt Euro (€3,500) bħala kumpens għal-leżjonijiet sofferti mir-rikorrent tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif fuq spjegat;

»(b) tidderigi lill-Qorti tal-Maġistrati tisfilza l-istqarrija tar-rikorrenti fil-proċeduri kriminali indikati fir-rikors promotur.

»Bl-ispejjeż kontra l-intimati.«

5. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-25 ta' Jannar 2016 li għalih l-attur wieġeb fil-15 ta' Frar 2016.

6. L-ewwel aggravju tal-konvenuti jolqot l-applikabilità tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni f'ċirkostanzi bħal dawk fil-każ tallum meta kienu għadhom ma nbdewx il-proċeduri kontra l-attur meta tteħditlu l-istqarrija u għalhekk kien għadu mhux "akkużat b'reat kriminali". Il-konvenuti fissru l-aggravju hekk:

> »L-esponenti jirrilevaw f'dan il-kuntest li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli għall-każ tal-appellat u dan peress li dan l-artikolu japplika biss meta persuna tkun akkużata b'reat u mhux qabel. Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-lanjanza odjerna tirreferi għall-istadju qabel l-appellat tpoġġa taħt akkuża u riferibbilment għall-istadju tal-interrogazzjoni u għalhekk ma tinkwadrax ruħha f'dak li jipprovdi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.«

7. Il-konvenuti jirreferu għas-sentenzi fil-każ <u>Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Godwin Migneco</u>[7], u fil-każ <u>Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Martin Dimech</u>[8], mogħtija fil-15 ta' Novembru 2011, fejn intqal hekk:

> »Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qiegħda tinstama' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna

[7] P.A. (Kost.) 15 ta' Novembru 2011.

[8] P.A. (Kost.) 10 ta' Jannar 2011.

bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja;

»Illi minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu għar-referenza jirrigwardaw ġrajja li seħħew qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.«

8. Dan huwa minnu. Ma jfissirx iżda illi dak li jkun sar qabel ma l-attur ikun akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat, b'mod li, minħabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista' jingħata smigħ xieraq. Li jfisser hu illi l-ksur – jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija (meta l-attur kien għadu mhux "akkużat") iżda bil-fatt li jsir użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun "akkużat".

9. Għal din ir-raġuni ma jistax jingħad *a priori* illi l-art. 39 huwa għal kollox inapplikabbli, u l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

10. Fit-tieni aggravju tagħhom l-atturi jgħidu illi l-azzjoni tallum hija intempestiva:

»… … … l-ewwel onorabbli qorti kienet żbaljata meta ma kkunsidratx li fil-kuntest ta' allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq naxxenti minn nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-azzjoni tentata mill-appellat hija waħda prematura u intempestiva.

»Illi l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni li ġaladarba l-liġi nostrana ma kinitx tipprovdi għall-assistenza legali fil-kuntest tal-interrogazzjoni konsegwentement ma setgħetx tilqa' l-eċċezzjoni promossa mill-esponenti li l-azzjoni tal-appellat hija waħda prematura u intempestiva.

»L-esponenti jissottomettu li d-dritt ta' smigħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċedura fl-intier tagħha u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha bħal ma qed jipprova jagħmel l-appellat f'dawn il-proċeduri fejn qed jiffoka fuq l-istadju tal-interrogazzjoni. … … …«

11. Il-konvenuti hawn jirreferu għall-każ ta' Imbrioscia *v.* L-Isvizzera[9] u l-każ aktar reċenti ta' Dimech *v.* Malta[10] partikolarment fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

> »47. The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, *Kesik v. Turkey*, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and *Simons v. Belgium* (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see *Bouglame v. Belgium* (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010).
>
> »48. The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.«

12. Bi tweġiba l-attur irrefera għall-każ ta' Borg *v.* Malta[11] fejn l-istess Qorti Ewropea effettivament osservat illi l-fatt waħdu illi persuna interrogata ma jkollhiex l-għajnuna ta' avukat huwa ġà biżżejjed biex ikun hemm ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni:

> »… … … in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).
>
> »63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.«

13. Tassew, is-sentenzi ta' Dimech u ta' Borg huma diffiċilment konċiljabbli ma' xulxin, biex ma ngħidux mill-ewwel li huma kontradittorji.

---

9 Q.E.D.B. 24 ta' Novembru 1993, rik. 13978/88.

10 Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik. 34373/13.

11 Q.E.D.B. 12 ta' Jannar 2016, rik. 37537/13.

Forsi nistgħu ngħidu wkoll illi s-sentenza ta' Dimech aktar tirrispetta l-prinċipju fondamentali ta' proporzjonalità meta ma ssibx Stat ħati ta' ksur ta' dritt fondamentali f'ċirkostanzi fejn il-vittma ma jkun ġarrab ebda preġudizzju gravi jew reali, jew ukoll fejn jista' jkun li ma jkun vittma xejn.

14. Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet ir-raġuni għala sabet li l-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela "x'aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu mill-istqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir.

15. Dan it-tieni aggravju huwa għalhekk miċħud.

16. It-tielet aggravju tal-atturi dwar il-vulnerabilità tal-persuna interrogata u preġudizzju konkret li din iġġarrab bħala element meħtieġ biex jinstab ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3)(*ċ*) tal-Konvenzjoni huwa msejjes fuq il-ġurisprudenza ta' din il-qorti, partikolarment il-każ ta' Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali[12], il-każ ta' Geoffrey Galea *v.* Avukat Ġenerali *et*[13], u l-każ ta' Stacy Chircop *v.* Avukat Ġenerali *et*[14].

[12] Kost. 8 ta' Ottubru 2012.

[13] Kost. 28 ta' Ġunju 2013.

17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.

18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.

19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.

20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi

[14] Kost. 8 ta' Frar 2013.

huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' **Dimech** il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.

22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess. Għalhekk ukoll (bla ħsara għal dak li sejjer jingħad dwar dewmien) ma huwiex il-każ li l-attur jingħata rimedju ulterjuri fil-forma ta' kumpens monetarju, u l-qorti sejra tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ikkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-attur elfejn u ħames mitt euro (€2,500) bħala kumpens għat-teħid tal-istqarrija.

23. L-aħħar aggravju tal-konvenuti huwa dwar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti sabet li kien hemm dewmien u li għalhekk lill-attur ma ngħatax (jew, ladarba l-kawża kontrieh għadha għaddejja, mhux sejjer ikun ingħata) smigħ fi żmien raġonevoli. Essenzjalment l-aggravju tal-konvenuti hu illi l-qorti ma messhiex qieset iż-żmien bejn it-3 t'Awissu

2008, meta ttieħdet l-istqarrija, u l-25 ta' Lulju 2013, meta l-attur ġie formalment akkużat; il-konvenuti jgħidu illi dan huwa "dewmien … … … amministrativ li ma jistax jingħad li b'xi mod jista' jiġi inkwadrat bħala dewmien quddiem tribunal jew qorti". Jiċċitaw ukoll il-każ Il-Pulizija *v.* Godwin Muscat[15] fejn il-qorti, wara li semmiet sentenzi, kemm ta' din il-Qorti u kemm tal-Qorti Ewropea tad-Driitijiet tal-Bniedem li qalu illi fil-kejl taż-żmien xieraq trid tqis ukoll żmien qabel ma nħarġet akkuża formali, kompliet hekk:

> »Kawżi li kollha kienu jitrattaw dewmien f'proċeduri li kienu nbdew. Fil-każ in eżami l-ilment hu dwar allegat preġudizzju li ser isofri l-imputat minħabba li d-Dipartiment tat-Taxxi ħareġ l-akkuża kważi għeluq għaxar (10) snin wara l-allegat reat. Wieħed irid jiftakar ukoll li f'reat kriminali jeżisti terminu ta' preskrizzjoni li fih innifsu jagħti lill-pro-sekuzzjoni l-fakoltà li tiddeċiedi meta għandha tippreżenta l-akkuża.
>
> »Fl-aħħarnett f'kull każ, fil-kors ta' dan il-proċess ma ġietx sostanzjata bi provi l-allegazzjoni li jekk il-proċeduri kriminali jieħdu l-kors tagħ-hom, it-trapass ta' żmien ser iwassal sabiex l-imputat isofri preġudizzju fis-sens li ma jistax iressaq l-aħjar difiża għalih.«

24. Li ma jgħidux il-konvenuti, iżda, huwa illi fl-istess sentenza l-qorti kienet osservat ukoll illi:

> »Għalkemm hu aċċettat fil-ġurisprudenza li l-artikolu 6 jista' japplika qabel persuna tiġi formalment imressqa quddiem qorti, eżempju waqt li tkun qiegħda ssir interrogazzjoni mill-pulizija lill-persuna suspetta li tkun wettqet reat, ma jidhirx li f'dan il-każ seħħet xi ħaġa simili. Fl-atti m'hemmx provi fis-sens li d-Direttur Ġenerali tat-Taxxi interpella lil Dr Muscat Azzopardi u infurmah li kienu ser jittieħdu proċeduri kriminali kontra tiegħu. Mill-*affidavit* stess ta' Dr Muscat Azzopardi jidher li l-ewwel darba li ġie notifikat b'xi ħaġa relatata ma' din il-materja kien meta f'Jannar 2011 irċieva t-taħrika. Għalhekk il-qorti m'hijiex sodis-fatta li kien hemm *criminal charge* qabel it-taħrika li ħarġet mill-Pulizija fit-8 ta' Novembru 2010 fuq talba tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxi.«

25. Iċ-ċirkostanzi huma differenti fil-każ tallum, fejn l-attur kien interrogat ħames snin qabel ma nbdew il-proċeduri kontrieh, kien ammetta li uża d-droga, u għalhekk kien jaf li x'aktarx kienu sejrin jinbdew proċeduri

[15] P.A. (Kost.) 21 ta' Frar 2014.

kontrieh. Is-sentenza ċitata stess tgħid illi "l-artikolu 6 jista' japplika qabel persuna tiġi formalment imressqa quddiem qorti, eżempju waqt li tkun qiegħda ssir interrogazzjoni mill-pulizija lill-persuna suspetta li tkun wettqet reat".

26. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-fatt li l-attur tħalla fi stat ta' inċertezza għal ħames snin jistenna sakemm inbdew il-proċeduri kontrieh huwa nuqqas kontra d-dritt tiegħu li jkollu deċiżjoni fi żmien raġonevoli. Jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn dak iż-żmien ukoll jitqies raġonevoli, bħal meta l-każ ikun komplikat u jkun jeħtieġ investig-azzjoni twila u akkurata u kumpilazzjoni ta' ħafna xiehda, iżda ma tressqet ebda prova li kien hemm din il-ħtieġa fil-każ tallum.

27. Fejn din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti hu fejn dik il-qorti qieset iż-żmien kollu ta' sitt snin bħala dewmien żejjed. Ma tressqitx prova illi, wara li nħarġet l-akkuża formali, il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma mxewx b'ħeffa xierqa. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-qorti sejra tnaqqas il-kumpens likwidat favur l-attur minn elf euro (€1,000), kif likwidat mill-ewwel qorti, għal tmien mitt euro (€800).

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn qalet li kien hemm ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu stqarrija mingħajr ma tħalla jieħu l-parir ta' avukat u tgħid minflok illi x'aktarx illi jinkiser dak id-dritt tal-attur jekk isir użu minn dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu; tikkonfermaha fejn qalet illi minħabba d-dewmien biex jinbdew

il-proċeduri l-attur ma ngħatax smigħ fi żmien raġonevoli; tirriforma wkoll ir-rimedji mogħtija mill-ewwel qorti: tikkonferma s-sentenza fejn ordnat illi l-istqarrija tal-attur titneħħa mill-inkartament tal-proċeduri kriminali; tħassarha ~~fejn ikkundannat lill-atturi~~* jħallsu tlitt elef u ħames mitt euro (€3,500) u tikkundannahom, minflok, iħallsu tmien mitt euro (€800) bħala kumpens.

29. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif deċiż mill-ewwel qorti; l-ispejjeż tal-appell jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsu l-attur u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df

* "fejn ikkundannat lill-konvenuti" - Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tad-9/8/16